MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1314/2002/1

**Antoine Vassallo**
**vs**
**Rausi Insurance Agency Limited bhala agenti ta' Lloyds u f'isimha proprju**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fit-23 ta' Mejju, 2002, fejn intalab l-ammont ta' elf, tliet mija u tmienja u tmenin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (LM1388.91) rapprezentanti danni u hsarat li l-attur sofra fil-karozza tieghu Peugeot BUG 900 f'incident awtomobilistiku li gara fir-Rabat fid-19 ta' Gunju, 2000 u dan stante li l-istess karozza kienet assikurata mis-socjeta' konvenuta b'polza ta' 'comprehensive insurance' Dok A.**

**Ghalhekk qed jigi mitlub li s-socjeta konvenuta tigi ikkundannata thallas l-ammont ta' elf, tliet mija u tmienja u tmenin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (LM1388.91) lill-attur bl-ispejjez u bl-**

**imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mis-socjeta' konvenuta fl-20 ta' Gunju, 2002, fejn intqal illi s-socjeta' Rausi Insurance Agency de proprio m'ghandiex x'taqsam;**
**L-attur ma qghadx ghall-kondizzjonijiet tal-polza ta' l-assikurazzjoni;**
**Minghajr pregudizzju ghal (2), is-somma pretiza mhix gustifikata bhala quantum.**

**Sema' x-xhieda, ra d-dokumenti u n-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti.**

**Ikkunsidra:**

**Illi l-vertenza li trid tigi deciza fi stadju preliminari hija l-kwistjoni tal-klawsola arbitrali.**

**Illi huwa insaputa li f'kuntratt ta' assikurazzjoni, tigi inkluza klawsola arbitrali sabiex fl-eventwalita' ta' nuqqas ta' ftehim fuq xi kundizzjoni pattwita fil-polza ta' l-assikurazzjoni bejn is-socjeta' assiguratrici u l-assigurat, il-materja tigi riferita ghal soluzzjoni tramite l-procedura ta' arbitragg.**

**Dana sabiex tigi evitata r-riferenza tal-materja lejn l-awtoritajiet gudizzjarji b'inteza li l-materja tigi rizolta min-nies intizi f'dak il-kamp partikolari a skans ta' spejjez u zmien. Di fatti, dana huwa 'ratio' wara l-promulgazzjoni ta' l-Att XXIV ta' l-1997 li bih gie stabbilit b'mod permanenti l-istitut ta' l-arbitragg u c-Centru Malti ta' l-Arbitragg.**

**Illi in vista ta' esistenza ta' klawsola arbitrali, tizbokka in vigore n-nuqqas ta' gurizdizzjoni ta' Qorti Ordinarja jew tat-Tribunal. Il-partijiet ikunu 'a priori' issottomettew ruhhom ghall-gudizzju ta' l-arbitru minflok isir rikors lill-Qorti jew lit-Tribunal.**

**Dan il-fatt ta' eskluzjoni ta' gurizdizzjoni kkonstrijuga lill-istess Qrati Ordinarji sabiex jasservixxu l-istess**

**gurizdizzjoni taghhom, minghajr b'dankollu ma jimmernomaw id-drittijiet u obbligi reciproki assunti mill-partijiet f'kaz ta' ghazla arbitrali. Meta ssir riferenza arbitrali ai termini tal-kap 387 intitolat "Att dwar l-Arbitragg" riferenza ghall-Qrati Ordinarji hija totalment eskluza u dana isir 'ab initio'.**

**Illi izda meta l-istess riferenza ma ssirx 'ab initio' izda jigu istitwiti proceduri gudizzjarji, il-Qrati Ordinarji jissoprassjedu biex jigu attwati l-atti arbitrali. Dana sabiex jigi regolat 'ad conclusionem' li l-principji u elementi bazilari tal-gustizzja jigu rogorosament onorati.**

**Illi kif gie ritenut il-kaz celebri 'Nutar Dr. Gius Sammut f'isem 'The Malta Swedish Hotel Ltd.' (Citazzjoni Numru 350/69 deciz Appell Superjuri 11/08/69), l-Qorti Ordinarja tkun inkompetenti minhabba nuqqas ta' gurizdizzjoni.**
**Dik is-sentenza effettivament ikkonfermat li l-inkluzzjoni ta' klawsola arbitrali bhala wahda valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Il-konsegwenza naturali taghha kienet li l-Qrati Ordinarji gew svestiti mill-gurizdizzjoni taghhom.**

**Illi matul id-dekors taz-zmien pero' l-Qrati nostrali irrejagixxew ghal tali svestiment, u regghu arrogaw ghalihom dik l-istess gurizdizzjoni, ghalkemm minimizzata. Aktar u aktar bl-introduzzjoni ta' l-Artiklu XXIV ta' l-1995.**

**Illi fil-kawza 'George Camilleri vs Hugh P. Zammit noe' (Appell Superjuri 04/05/98) l-Onorevoli Qorti rribattiet il-gurizdizzjoni taghha limitament ghall-fini li tissostitwixxi ruhha f'kaz ta' 'lacunae' fil-procedura arbitrali u ghall-ezekuzzjoni taghhom. Din is-sentenza kkonfermat l-ezistenza ta' klawsola arbitrali f'polza ta' assikurazzjoni ta' vettura. Il-kaz odjern in ezami jirrigwardja dan il-punt. L-Onorevoli Qorti ordnat li jkun hemm soprassessjoni tal-proceduri istitwiti quddiemha sabiex tigi adoperata l-procedura ta' l-**

**arbitragg. Il-kompetenza tal-Qorti Civili kellha tkun dik ai termini ta' l-Artiklu 742 (3) tal-Kap 12.**

**Il-Qorti ghandha taghti forza legali u effett lill-klawsola arbitrali. Tigi injorata fil-kaz uniku li l-istess kuntratt ta' assikurazzjoni jigi attakkat bhala null u invalidu 'ab initio' minhabba xi difett u/jew nuqqas da parti ta' l-assikurat. Dan mhux il-kaz in ezami. Dan ukoll per applikazzjoni tal-principju 'accessorium seguitur principalis!' Hekk gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "Luke Piscopo vs Joseph Gasan et noe." (PA 17/01/01)**

**Illi s-sentenzi suesposti jirrigwardjaw kawzi bhala dik in ezami. Il-kawza odjerna ma tikkoncernax materja ta' nuqqas ta' validita' tal-kuntratt izda l-applikazzjoni tal-klawsola arbitrali. Jigi ribattut illi l-kwistjoni bejn il-partijiet tikkoncerna precizament kwistjoni li facilment tista' tigi rizolta billi tigi riferita ghall-arbitragg.**

**Jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta' konvenuta jordna s-soprassesjoni tal-kaz sabiex jigi riferit ghall-procedura ta' l-arbitragg kif stabilit fil-polza ta' l-assikurazzjoni, u jiddifferixxi il-kaz sine die riappuntabbli fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet fi zmien xahar minn meta l-istess proceduri ta' l-arbitragg jigu definittivament konkluzi.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------